# Il-Kor Pax Christi

*Anna Vella - Direttriċi*

Il-Kor Pax Christi beda jkanta sewwasew fid-29 ta' Ġunju 1963 dakinhar li tqiegħdet l-ewwel ġebla tas-Sala Parrokkjali. Il-membri xebbiet u ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika tal-parroċċa kienu kantaw tliet innijiet mal-Banda tas-Sależjani u minn hemm nibtet l-idea li jsir Kor biex ikanta filfesta ta' San Bert ta' l-istess sena sewwasew lejlet il-festa. Il-Kor qabad il-mixja tiegħu.

Beda jkanta fil-festi tal-parroċċa, bħall-Milied, il-Ġimgħa l-Kbira, Corpus u l-Qalb ta' Ġesu'. Ilprogramm ta' lejlet San Bert sar tradizzjonali. Imbagħad żdiedu s-servizzi li talbuna anke barra mir-raħal tagħna bħal Birgu, Birkirkara, Bormla, Balzan, Attard, Rabat, Lija, Mellieħa, Mġarr, Naxxar, Qrendi, San Pawl il-Baħar, Sliema, Floriana, Ħamrun, Tarxien, Żebbuġ, Siġġiewi, Ħal-Kirkop, Gżira, Valletta, Mosta, Balluta, Gudja, Għasri, Sptar San Luqa, Msida, Radju u anke Televiżjoni. Kantajna wkoll f'tiġijiet, funerali u okkażżjonijiet oħra.

Kien sforz u sagrifiċċju kbir li għamlu l-membri tagħna, nies tal-familja, biex jattendu u jibqgħu, għal diversi snin. Ħafna drabi ħriġna sodisfatti ħafna u rajna apprezzament. Dan kollu għadu jsir sal-ġurnata tal-lum.

Iżda l-aktar kontribut tal-Kor kien lill-parroċċa f'diversi funzjonijiet li jkollna matul is-sena kollha. Mill-bidu sal-lum, il-membri u ex-membri jlaħħqu l-mijiet. Nirringrazzjawhom għassehem kbir tagħhom, sew fil-kor u ħafna u ħafna aktar għaliex permezz tagħhom il-Għargħur huwa parroċċa li tkanta.



*Fl-għeluq il-25 sena mill-kor*

Fl-aħħarnett ma rridx ninsa l-inkoraġġiment u l-għajnuna li tawna l-Kappillani kollha li kellna, kif ukoll il-kleru tal-parroċċa,

il-ħafna surmastrijiet li kantajna magħhom, u diversi nies oħra, Għargħurin u mhumiex, li qalulna kliem ta'apprezzament għal din il-ħidma. Grazzi wkoll tmur għal Fr Chris, il-Kappillan.



Fl-għeluq l-40 sena mill-kor

Ma nistax nagħlaq dawn il-kelmtejn li ma ngħidx grazzi kbira f'ismi u f'isem il-Kor kollu lil exdirettur tal-Kor, il-mibki Dun Karm Bezzina li mar jiltaqa' mal-Mulej prorpju fil-21 t'Awissu, 2012. Kien ilu direttur tal-Kor għal 45 sena sħaħ sa mit-twaqqif tiegħu sewwasew sa Diċembru (2008) sakemm saħħtu ppermettiet li b'tant sagrifiċċji mal-medda taż-żmien baqa' għaddej kontinwament. Ħalla wirt kbir ta' mużika li għadha tindaqq mhux biss fil-parroċċa, imma anke fil-knejjes u l-baned madwar Malta. Baqa' sa l-aħħar jikteb, jadatta l-mużika u jgħinna f'dak kollu li kellna bżonn, senza interessi. Beda mix-xejn imma ma ħarisx lura: bniedem li r-raħal tagħna tilef ħafna minnu. Ma nistax ma nsemmix lis-sinjura Carmen Grech li hi l-organista tal-Kor u lill-membri kollha, li b'tant sagrifiċċji ġimgħa wara ġimgħa niltaqgħu biex nippreparaw għal dak li jkun imiss. Nagħmel appell għal dawk l-ex-membri jew inkella membri ġodda li jixtiequ jingħaqdu magħna biex jiġu meta jridu aħna niltaqgħu darba fil-ġimgħa nhar ta' Tlieta fis-7.00 ta' fil-għaxija fil-knisja parrokkjali. Santu Wistin jgħidilna, "Min ikanta jitlob darbtejn."



Fl-għeluq l-50 sena mill-kor

Jien id-Direttriċi tal-Kor inwiegħed li minn qalbi nagħmel dak kollu li nista' biex il-wirt li ħalla zziju Dun Karm jibqa' jitgawda għall-glorja tal-Mulej kif dejjem xtaq hu. Grazzi Zi, għax permezz tat-talenti tiegħek għamilt ħafna nies oħra ferħana.